**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Francis Schembri**

Kaz Numru: 387/2015

Illum 6 ta' Ottubru 2015

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Francis Schembri,** iben Joseph u Josephine nee' Zammit, imwieled fl-1 ta' April 1961, residenti fil-fond numru 9, Flat 2, Triq Ulisse, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 16861(G), akkuzat talli:

1. fix-xahar ta' Mejju 2015, meta hekk kien ordnat mill-Qorti b'sentenza tal-Magistrat Dr. Paul Coppini LL.D., digriet numru 6/2007JVC datat 25 ta' Settembru 2014 naqas li jaghti lil martu dik is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew minn dak il-kuntratt bhala manteniment ghaliha jew ghal uliedhom, fi zmien hmistax-il jum li fih skont dik l-ordni jew kuntratt kellu jhallas dik is-somma.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

**Ikkonsidrat;**

Illi l-imputat sostna li hu ghadda l-manteniment lil martu *"ftit tal-jiem qabel"*, filwaqt li martu qalet li c-cheque ghal Mejju 2015 wasal ghandha jumejn qabel il-kawza. Dan ic-cheque kien datat f'Awwissu 2015 u kien mahrug minn kont tal-avukat tal-imputat. Irrizulta li l-imputat sas-smiegh tal-llum naqas li jaghti manteniment f'Gunju, Lulju, Awwissu u Settembru 2015.

Illi l-imputat sostna li minhabba sekwestru li kien hemm fil-konfront tieghu kien difficli ghalih li jaghmel standing order halli l-manteniment jithallas immedjatament meta dovut. L-imputat qal ukoll li ma kienx jahdem u m'ghandux flus.

Illi l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, jaghmel reat kontravvenzjonali il-fatt li wiehed jonqos li jaghti lill-konjugi "*is-somma iffisata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt*." U, aktar l-isfel, jerga jsemmi li r-reat jiskatta meta dak li jkun jonqos li jhallas "*fi zmien hmistax il-jum li fih, skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma*."

Illi gie ritenut fl-Appell Krim. **Pul. vs. Anthony Saliba** tal-15 ta' Lulju 1998 li l-fatt li persuna tisfa' bla xoghol ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-imputat. Ir-rimedju li ghandu w li kellu l-imputat kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din , wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. Hu biss wara li jottjeni tali modifika , li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet .

Fi kliem iehor sakemm ikun ghadu vigenti digriet tal-Qorti tal-Familja jew Digriet jew sentenza tal-Prim'Awla jew tal-Qorti tal-Appell , li jordna l-hlas ta' manteniment , din il-Qorti ma tistax hlief issib htija , fejn l- appellant ikun naqas li jottempera

ruhu ma tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni , jew pretest biex jaghmel dan.

Illi l-imputat sa hmistax-il gurnata minn meta kien dovut il-manteniment ta' martu ma hallasx dan il-manteniment kif hareg mill-provi prezentati quddiem din il-Qorti.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati skont l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal ammenda ta' tmienja u hamsin euro (€58) li trid tithallas immedjatament inkella tkun konvertita' f'detenzjoni bir-rata li tipprovdi l-ligi.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**